MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 2593/1997/1

**Express *Trailer*s Limited u b'nota tal-21 ta' Novembru 2001 is-socjeta` United Insurance Brokers Agency Ltd. bhala mandatarji ta' Through Transport Mutual Insurance Association (Eurasia) Limited assumew l-atti tal-kawza minflok is-socjeta` Express *Trailer*s Limited.**

**vs.**

**Gollcher Company Limited bhala agenti u mandatarji tas-socjeta` estera Grandi Traghetti SpA di Navigazione (li huma parti mill-Grimaldi Group) ta' l-Italja u bhala armaturi u operaturi tal-vapur Freccia Blu u Jimmy Ciantar u White Brothers Limited.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 tal-processipprezentata fit-12 ta' Novembru 1997 fejn gie premess:-

Illi l-attur inkariga lill-konvenut Gollcher *nomine* sabiex jittrasporta *Trailer* ta' l-attur numru ETM 78 mghobbi bil-merkanzija minn Genoa ghal Malta, liema *Trailer* wasal Malta fit-12 ta' Awissu 1996 abbord il-vapur Freccia Blu.

Illi waqt li dan it-*Trailer* kien qieghed jitnizzel minn fuq il-vapur u jigi pparkeggjat gewwa l-Port, Malta, sar l-incident u giet ikkawzata hsara lill-istess *Trailer* ghad-detriment ta' l-attur.

Illi waqt l-incident it-*Trailer* kien qieghed jitmexxa minn Jimmy Ciantar li huwa mpjegat tas-socjeta` White Brothers Limited, li kienu nkarigati mill-konvenut Gollcher *nomine* ghal dan l-iskop.

Illi l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli ghall-istess danni, liema danni jammontaw ghal DM 14,596.38 li huma ekwivalenti ghal LM3,245 *oltre* Lm40 *survey fees* inkorsi li komplessivament jammontaw ghal LM3,285.

Rat illi wara li dan gie premess is-socjeta` attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara lill-konvenuti, jew min minnhom, responsabbli ghall-incident fuq imsemmi li b'rizultat tieghu gew kawzati hsarat fuq it-*Trailer* ETM 78;

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' LM3,285 ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u l-lista tax-xhieda tas-socjeta` attrici a fol. 3 u 4 tal-process, u d-dokumenti minnha pprezentati minn fol. 5 sa 17.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ipprezentata fit-8 ta’ Gunju 1998 mis-socjeta` konvenuta Gollcher Company Limited bhala agent u mandatarju tas-socjeta` estera Grandi Traghetti SpA di Navigazione, fejn eccepiet:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi huma ma kkawzaw l-ebda hsara fit-*Trailer* ETM 78 mghobbi abbord il-vapur Freccia Blu. L-istess *Trailer* tnizzel minn abbord il-bastiment fi stat tajjeb u kien biss meta l-awtoritajiet tal-Port talbu lis-sewwieq Jimmy Ciantar sabiex iressaq it-*Trailer* f’port iehor li avverat ruhha l-hsara.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, kwalunkwe responsabilita` li tista` tigi stabbilita fil-konfront tas-socjeta` eccipjenti hija limitata *ai termini* tal-kundizzjonijiet tal-garr kif inkorporata fil-polza ta’ kariku.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u l-lista tax-xhieda tas-socjeta` konvenuta Gollcher Company Limited bhala agent u mandatarju tas-socjeta` estera Grandi Traghetti SpA di Navigazione, u d-dokumenti minnha pprezentati.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet prezentata fit-12 ta’ Gunju 1998 mis-socjeta` konvenuta White Brothers Limited fejn eccepit:-

(1) Illi l-kumpanija qdiet l-inkarigu taghha bl-akbar diligenza u ma kenitx kagun tad-danni sofferti mill-kumpanija attrici u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u l-lista tax-xhieda tas-socjeta` konvenuta White Brothers Limited a fol. 26 u 27 tal-process, u d-dokumenti minnha pprezentati.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet prezentata fit-12 ta’ Gunju 1998 mill-konvenut Jimmy Ciantar fejn eccepixxa:-

1. Illi kien qieghed jagixxi fuq inkarigu u ghan-nom ta’ Gollcher Company Limited u ghalhekk personalment m’huwiex il-legittimu kuntradittur.

2. Illi subordinatament l-eccipjenti qeda' dmiru bhala *bonus paterfamilias* u m'huwiex responsabbli ghad-danni allegatament sofferti.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u l-lista tax-xhieda ta' Jimmy Ciantar a fol. 30 tal-process, u d-dokumenti minnu pprezentati.

Rat il-verbali tat-23 ta' Gunju, 1998; tas-26 ta' Gunju, 1998 fejn inghata digriet ta' l-affidavits u fejn giet differita biex tinstema` quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Frank G. Camilleri; tat-30 ta' April, 1999 fejn Dr. Peter Borg Costanzi u Dr. Louis Cassar Pullicino baghtu nformaw lill-Qorti li qed isir sforz biex din il-kawza tigi tranzatta u talbu differiment fit-tul ghall-probabbli cessjoni ghall-1 ta' Novembru, 1999; ta' 1 ta' Novembru, 1999 fejn Dr. Peter Borg Costanzi talab li jinhatar Assistant Gudizzjarju biex jisma' l-provi fejn il-Qorti tichad it-talba *stante* li hija sprovvista minn Assistant Gudizzjarju u ghalhekk Dr. Peter Borg Costanzi talab li jigi awtorizzat li jipprezenta l-provi tieghu bil-procedura ta' l-affidavit fejn it-talba giet milqugha u il-Qorti ordnat komunika tal-verbal lill-Onorevoli Ministru tal-Gustizzja, lill-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u lir-Registratur tal-Qorti; tat-3 ta' Marzu, 2000; ta' l-10 ta' April, 2000; tat-2 ta' Gunju, 2000 fejn il-kawza giet differita ghas-7 ta' Novembru, 2000 sabiex tinstema` quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta mill-Onor. Imhallef Dr. Ray C. Pace; tas-7 ta' Novembru, 2000 fejn inghata digriet ta' l-affidavits b'terminu ta' erbghin gurnata u l-kawza giet differita ghall-konkluzjoni tal-provi attrici ghat-28 ta' Frar, 2001 fil-11.30am; tat-28 ta' Frar, 2001 fejn Dr. Peter Borg Costanzi pprezenta nota ta' l-assunzjoni ta' l-atti u xehdu Peter Bonello, Salvu Gatt u Victor Gruppetta, prodotti mis-socjeta` attrici; tas-17 ta' Mejju, 2001 fejn xehdu Noel Ellul, Jimmy Ciantar, Maria Ciantar u Michael Chetcuti prodotti mis-socjeta` attrici fejn giet ipprezentata surroga (Dok. NE1) a fol. 77 u 78 tal-process; tal-21 ta' Gunju, 2001 fejn xehdu Reggie Grech u Joseph Azzopardi prodotti mis-socjeta` attrici u fejn Dr. Peter Borg Costanzi ddikjara li m'ghandux provi aktar hlief

*okkorrendo* dwar is-surroga u inghata digriet ta’ l-affidavit tal-konvenuti b’terminu ta’ sittin gurnata; tal-21 ta’ Novembru, 2001 fejn Dr. Peter Borg Costanzi pprezenta nota ta’ United Insurance Brokers Agency Limited li permezz taghha tassumi l-atti tal-kawza minflok is-socjeta` Express *Trailer*s Limited; tas-6 ta’ Marzu, 2002 fejn Dr. Louis Cassar Pullicino ghas-socjeta` konvenuta esebixxa nota b’zewg dokumenti u d-difensuri ddikjaraw li m’ghandhomx provi izjed u talbu li jaghmlu nota, il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta’ erbghin gurnata kull wiehed u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta’ Gunju, 2002 u tas-27 ta’ Gunju, 2002 fejn il-Qorti ddikjarat li ghandha bzonn aktar zmien ghall-prolazzjoni tas-sentenza u ddifferiet il-kawza ghas-sentenza ghat-12 ta’ Dicembru, 2002 u wara giet differita ghas-27 ta’ Marzu 2003 ghas-sentenza wkoll.

Rat in-nota tas-socjeta` attrici li biha pprezentat l-affidavit ta’ Francis Vella.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-attur ta’ l-20 ta’ Marzu, 2002.

Rat in-nota pprezentata fil-21 ta’ Novembru tas-sena 2001 mis-socjeta` konvenuta United Insurance Brokers Agency Limited bhala mandatarji ta’ Through Transport Mutual Insurance Association (Eurasia) Limited li permezz taghha assumiet l-atti tal-kawza minflok is-socjeta` Express *Trailer*s Limited.

Rat in-nota ta’ l-osservazzjonjiet responsiva tas-6 ta’ Mejju, 2002, ipprezentata mill-kontendenti Gollcher Company Limited *et*.

Rat in-noti ta’ l-osservazzjonijiet tas-socjeta` attrici, u tas-socjeta` Gollcher Company Limited.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## <u>II KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

## ii) Provi Prodotti.

*"Illi jiena Direttur tas-socjeta` Express Trailers Limited. It-Trailer numru ETM78 hija propjeta` ta' l-Express Trailers u ahna nuzaw dan it-Trailer biex nittrasportaw merkanzija minn Malta ghall-Ewropa u vice versa.*

*Illi f'dan il-kaz partikolari, it-Trailer kien gej lura Malta mghobbi b'merkanzija ta' diversi mportaturi li huma klijenti taghna u ahna ftehmna ma' Gollcher Company Limited biex it-Trailer hekk mghobbi jigi trasportat minn Genova ghal Malta, u fil-fatt it-Trailer tghabba fuq il-vapur Frecca Blu abbazi ta' polza ta' karigu ta' Grandi Traghetti s.p.a. di Navigazione li huma parti mill-Grimaldi Group u huma rapprezentati Malta minn Gollcher Company Limited. It-Trailer kellu jasal Malta f'Awissu, 1996.*

*Illi naturalment ahna naghmlu dan ix-xoghol regolarment u din ma kenitx l-ewwel darba li ahna trasportajna t-Trailer ma' Gollcher fuq dan il-vapur partikolari. Fil-fatt ghandna xoghol regolari u ahna nkunu nafu meta jkun se jasal il-vapur Malta u ghalhekk anticipament niehdu hsieb id-dokumentazzjoni relattiva ma' Gollcher u huma jaghtuna d-delivery order halli malli jasal Malta nkunu nistghu nikklerjawh mill-port.*

*Illi t-Trailer wasal Malta fit-12 t'Awissu 1996 u hrignih fit-13 t'Awissu 1996. Meta morna biex nigbru t-Trailer mill-port sibna li dan kellu hsarat kbar, fis-sens, illi fuq wara tieghu kien hemm daqqa kbira li permezz taghha t-Trailer anke gie mtaqqab u kien jidher ix-xoghol minn barra. Il-hsara kienet fuq wara u fuq il-genb tax-xellug. It-Trailer seta` jinstaq izda qabel hrignih avzajna lil Gollcher immedjatament u anke lill-Cargo Handling Company Limited u fil-fatt meta t-Trailer hareg mill-port area sar annotament relattiv fuq il-Gate Pass Out f'dan il-kliem "back/left side extensively damaged." Il-firma ta' J. Abdilla fuq il-Gate Pass Out bl-I.D. Card no. 425564 hija l-firma tad-driver mibghut mill-kumpanija taghna biex isuq it-Trailer u johorgu mill-port.*

*Illi billi x-xoghol kien groupage, it-Trailer tellajnih Hal Far Groupage Complex biex il-merkanzija tinhatt u wara li l-merkanzija inhattet gibna t-Trailer lura fil-bitha, cjoe` fil-bazi taghna Hal Qormi u gbidna anke r-ritratti li qed nesebixxi ma' dan l-affidavit. Sar anke survey mill-Mediterranean Survey Bureau (Dok "A").*

*Illi wara li sar dan hadna hsieb biex it-Trailer jissewwa. Hawn Malta dan it-Trailer ma setax jissewwa u lanqas ma kien hawn parts relattivi u ghalhekk hadnih il-Germanja f'branch tal-manifatturi tat-Trailer fejn jaghmlu dan it-tip ta' riparazzjonijiet, cjoe` id-ditta Hoffmann Fahrzeugbau.*

*Illi qabel ma bghattna t-truck hemmhekk tlabnihom jaghtuna u tawna stima ta' DM 12,000 izda din kienet biss quotation generali abbazi tar-ritratti li konna baghatna. Izda mbaghad bghattna t-Trailer proprju u ghamlu x-xoghol u baghtuli l-kont taghhom li kien ghall-DM 14,596.38 skond l-invoice li qieghed nesebixxi ma' dan l-affidavit (Dok "B" u "C").*

*Illi ahna niehdu hsieb biex hallasna dan il-kont kif qieghed nuri mid-dokumentazzjoni tal-bank li qed jigu mehmuza wkoll ma' dan l-affidavit.*

*Illi ahna ghamilna claim ma' l-assigurazzjoni u in segwitu thallasna s-somma ta' LM3,245 minghand l-assigurazzjoni taghna u ffirmajt id-debita ricevuta u s-surroga.*

Illi apparti dan xehed **Peter Bonello** fis-seduta tat-28 ta' Frar 2001 ghan-nom tas-socjeta` The Cargo Handling Limited li kkonferma li skond il-Gate Pass Out a fol. 6 tal-process l-istess *trailer* hareg bil-hsara tant li gie ndikat li kellu *"back side extensively damaged",* liema Gate Pass Out kienet iffirmata minn rapprezentant ta' l-istess socjeta` u ghan-nom tal-persuna nkarigata mit-*trailer*.

Illi fl-istess seduta tat-28 ta' Frar 2001 xehed ukoll **Salvu Gatt** bhala surveyor tal-Mediterranean Survey Bureau li kkonferma is-survey li sar a fol. 7 *et sequitur* tal-process fejn kkonferma l-hsarat li kien hemm fuq l-istess *trailer* li

huwa ra fil-post tas-socjeta` attrici fl-14 ta’ Awissu 1996 u r-rapport sar fis-16 ta’ Awissu 1996.

Illi **Victor Grupetta,** rappresentant tal-Kontrollur tad-Dwana fl-istess seduta tat-28 ta’ Frar 2001 sostna li ma kellux dettalji bizzejjed sabiex isib id-dokumentazzjoni tar-*release* ta’ l-istess *trailer*.

Illi fis-seduta tas-17 ta’ Mejju 2001 xehed **Noel Ellul** ghan-nom tas-socjeta` attrici li assumiet il-kawza fejn sostna li l-istess socjeta` kienet hallset lis-socjeta` Express Trailers Limited l-ammon ta’ Lm3,285.26 skond kif jidher mid-dokumenti minnu esebiti u mmarkati bhala Dok. “NE1” u “NE 2” a fol. 77 u 78 tal-process.

Illi fl-istess seduta xehed **Jimmy Ciantar,** li huwa direttur tas-socjeta` White Brothers Limited u sostna li kienu qed jaghmlu xoghol ghas-socjeta` Gollcher bhala *subcontractors* biex ihottu l-vapur *roll on u roll off* u sostna li f’dan il-kaz huwa hareg mill-vapur, dahal bit-Tugmaster vojt, ippikja it-*trailer*, hareg mill-vapur u pparkja l-istess *trailer* fil-genb, *aside the ship.* Rappresentanti tal-Cargo Handling u Malta Maritime talbuh sabiex iccaqlaq l-istess *trailer* minn fejn kien, u kif kien ser isuq dahhlu *trailer* fuq ix-xellug tieghu u kif saq laqat it-*trailer* wieqaf. Qabel ma saq sostna li ra s-side tieghu u quddiemu izda mhux warajh ghaliex ma setghax jara. It-*trailer* l-iehor ipparkja ghaxar (10) piedi lura minnu fuq ix-xellug tieghu, imtrarrag mieghu. Gharaf il-hsara wkoll li saret fuq l-istess *trailer* skond ir-ritratti esebiti fil-process. Meta waqqfu wara l-incident l-istess *trailer*s gew qishom V ma xulxin.

Illi fl-istess seduta xehed ukoll **Mario Ciantar,** bhala direttur u general manager tas-socjeta` White Brothers Limited li kkonferma li huma subcontractors tas-socjeta` Gollcher Company Limited u ma kien hemm ebda ftehim maghhom ghal dan it-tip ta’ danni, lanqas dwar assikurazzjonijiet.

Illi **Michael Chetcuti** ghan-nom tas-socjeta` Gollcher Company Limited sostna fl-istess seduta li huma ghandhom ftehim mas-socjeta` White Brothers Limited li

dawn ta’ l-ahhar igorru t-*trailer*s minn fuq il-vapuri ghal fuq l-art u mill-art ghal fuq il-vapuri ghalkemm ma hemm xejn bil-miktub u formali. Ir-rapprezentant taghhom dakinhar kien R. Satariano, u huwa esebixxa tally sheet, li minnu jirrizulta l-istess *trailer* nizel minghajr hsara minn fuq il-vapur.

Illi fis-seduta tal-21 ta’ Gunju 2001 xehed **Reggie Grech** bhala foreman il-port mas-socjeta` Gollcher Company Limited, u huwa jiehu hsieb il-hatt tal-vapur sa’ l-art u mill-art ghal vapur u fuq l-incident partikolari ma jiftakar xejn.

Illi fl-istess seduta tal-21 ta’ Gunju 2001 xehed ukoll **Joseph Azzopardi** li sostna li huwa *operations co-ordinator* mas-socjeta` Gollcher Company Limited u kkonferma li s-socjeta` White Brothers Limited hija *sub contractor* taghhom u l-incident ma rahx pero’ qalulu li kien intlaqat *Trailer*, wara li tnizzel l-art.

Illi b’nota datata 6 ta’ Marzu 2002 giet esebita l-polza ta’ karigu u l-*joint tally* ta’ l-istess vapur li jirrizulta kif tnizzel l-istess *trailer* minn fuq il-vapur.

**II) <u>RESPONSABILITA’.</u>**

Illi s-socjeta` attrici kienet inkarigat lil Gollcher Company Limited sabiex twassal *trailer* taghha minn Genoa ghal Malta. Is-socjeta` Gollcher Company Limited minn naha taghha inkarigat lis-socjeta` White Brothers Limited sabiex thott it-*trailer* minn fuq il-bastiment li wassal l-istess *trailer* fil-port ta’ Malta, u s-socjeta` White Brothers Limited qabbdet lill-impjegat taghha il-konvenut Jimmy Ciantar sabiex isuq dana t-*trailer*.

Illi t-*trailer* tnizzel minn fuq il-bastiment u kien ipparkeggjat fuq il-moll, meta Jimmy Ciantar gie mitlub mill-Awtoritajiet tal-Port sabiex iressqu, u kien proprju waqt li kienet qieghda ssir din il-manuvra li t-*trailer* kien involut f’kollizjoni ma’ *trailer* iehor li kien ipparkeggjat qrib tieghu. Bhala konsegwenza ta’ dina l-kollizjoni t-*trailer* ETM 78 proprjeta’ tas-socjeta` attrici nkorra hsarat li ammontantaw allegatament ghas-somma ta’ tlett elef, mitejn u hamsa u

tmenin lira Maltija (LM3,285) sabiex jigi riparat. Illi jidher li *per se* l-ammont ta' danni ma humiex ikkontestati mill-kontendenti, u l-kontestazzjoni principali f'din il-kawza tikkoncerna min mill-konvenuti huwa effettivament responsabbli ghall-incident.

Illi l-Qorti tirrileva illi tibda billi tirrileva illi bhala fatt m'hemmx dubju li l-kollizzjoni sehhet unikament minhabba l-imperizija tas-sewwieq tat-*trailer*, cjoe' Jimmy Ciantar, li ma pprestax l-attenzjoni mehtiega waqt li kien qieghed jimmanuvrah, tant li habat fi *trailer* iehor li kien ipparkeggjat fil-vicinanzi mmedjati tieghu. Dan ghaliex kif jirrizulta mill-provi, li l-gran parti taghhom huma fuq riprodotti, jirrizulta li l-istess sewwieq, il-konvenut Jimmy Ciantar, qabel ma ghamel il-manuvra tieghu, naqas li jara li huwa seta` jaghmel dan minghajr hsara, tant li ma ndunax li mill-mument li huwa kien nizzel it-*trailer* fil-post fejn kien *along side* sal-mument meta huwa intalab iressaq l-istess vejikolu, kien tqieghed *container* ma genbu, u ghalhekk huwa habat ma' l-istess *container,* meta kien ser idur fuq il-lemin. Fil-fatt l-istess konvenut fix-xhieda tieghu sostna li qabel ma saq huwa ccekja in-naha tas-side tieghu u quddiemu, izda mhux warajh, jew ahjar fuq il-genb tieghu fuq wara, proprju fejn jirrizulta li kien l-istess *container* li habat mieghu huwa, ghaliex l-istess sewwieq qal li ma setax jarah.

Illi mill-istess xhieda tal-konvenut Jimmy Ciantar jirrizulta car li kieku s-sewwieq qaghad attent u kkawtela minimament ruhu kif normalment mehtieg, zgur li l-incident kien jigi evitat. Ir-reponsabilita' tas-sewwieq, u konsegwetement dik ta' s-socjeta` White Brothers Limited, li kienet inkarigatu isuq it-*trailer*, hija ghaldaqstant cara u l-iskuza tieghu li huwa ma setax jarah ma tistax tigi accettata, ghaliex huwa kellu jassigura ruhhu qabel kull manuvra ohra li huwa seta` jsuq bla ma jikkawza hsara lill-hadd, lanqas lit-*trailer* tieghu. Fil-fatt ix-xhieda tal-konvenut hija xejn izjed minn auto inkolpazzjoni, ghaliex fiha juri li huwa vermament ma hax il-prekawzzjoni necessarja sabiex jevita kull sinistru, iktar u iktar meta huwa kien ser isuq *'from a standing position'* u wkoll meta

ammetta li t-*trailer* l-iehor, ma min huwa habat kien wieqaf fil-hin ta' l-incident.

Illi dan kollu qed jinghad fid-dawl tal-principji legali li fi kwistjoni ta' responsabilita' ta' ncident *de quo* rrid jigi segwit dan li li jinghad skond l-**artikolu 1031 tal-Kap 16** u cjoe' li *"kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu".* **("Paul Zahra vs Direttur tad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici" -** A.C. 3 ta' Dicembru 1991).

Illi *ai termini* tal-**artikolu 1032 tal-Kap 16** *"jitqies fi htija kull min bl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb ta' familja".*

Illi fis-sentenza **"Anthony Zerafa vs Joseph Sacco"** (P.A. (RCP) 29 ta' Marzu 2001) inghad illi *"min dawn l-artikoli kollha m'hemm l-ebda dubju li kull min minhabba n-nuqqas ta' attenzjoni tieghu, b'negligenza u b'nuqqas ta' prudenza fil-grad rikjest mill-ligi jikkawza bl-atti jew bin-nuqqasijiet tieghu jikkawza hsara lill-haddiehor, ghandu jirrispondi ghal tali hsara hekk ikkawzata, u dan jaghti lok kemm ghall-azzjoni kriminali u kemm ghall-azzjoni civili.*

*Illi ghal dak li tirrigwarda l-azzjoni civili, din tirrisolvi ruhha f'kawza ghall dikjarazzjoni tar-responsabilita' u ghall-hlas ta' l-eventwali danni sofferti nkluzi damnum emergens u lucrum cessans inkluz f'kaz ta' dizabilita' permanenti dak stipulat fl-**artikolu 1045".***

Illi naturalment, il-fatt li l-istess konvenut kien impjegat tas-socjeta` White Brothers Limited jirrendi l-istess socjeta` wkoll responsabbli ghad-danni kemm verso s-socjeta` li nkarigata, li mill-provi jirrizulta li kienet is-socjeta` Gollcher Company Limited, tant li hija kienet qed taghmel dan ix-xoghol bhala *sub contractor* taghha, u kemm lejn is-socjeta` attrici, li kienet originarjament inkarigat lill-ahhar imsemmija socjeta` sabiex tnizzel il-merkanzija fil-port ta' Malta.

Illi dan huwa wkoll abbazi ta' dak li nghad fis-sentenza **"Emmanuel Sammut et vs Chief Government Medical Officer et"** (P.A. (RCP) – 12 ta' Dicembru 2002) fejn il-

kuncett ta' *culpa in eligendo* konformament mal-gurisprudenza nostrali  gie applikat mhux biss ghall-mument meta l-istess persuna tigi ngaggata, izda estiz wkoll sabiex jikkomprendi l-kuncett li l-persuna li tinkariga persuna ohra li taghmel xi xoghol, tibqa' hija responsabbli wkoll jekk dik il-persuna li effettivament hadmet taht inkarigu taghha, tkun ghamlet ix-xoghol b'negligenza u nuqqas ta' hila skond id-disposizzjonijiet fuq citati u l-**artikolu 1037 tal-Kap 16.** Dan wkoll apparti dak li hemm provdut fl-**artikolu 1642 tal-Kap 16** fejn *"l-appaltatur* 'huwa tenut li' *iwiegeb ghal eghmil tan-nies li jhaddem"*

Illi jonqos jigi determinat jekk is-socjeta` konvenuta Gollcher Company Limited hijiex ukoll responsabbli f'mod kunguntiv mal-konvenuti l-ohra ghad-danni reklamati fic-citazzjoni attrici.

Illi s-socjeta` konvenuta Gollcher Company Limited qeghda tinsisti li l-obbligu kuntrattwali taghha mas-socjeta` Express Trailers Limited kien jorbotha biss li twassal it-*trailer* mill-port ta' Genoa sal-moll tal-port ta' Malta. Hija essenzjalment qeghda tghid li fil-mument li t-*trailer* kien gie mwassal sal-moll u mnizzel minn fuq il-vapur, hija kienet espletat l-inkarigu kuntrattwali taghha u ghalhekk ma kellha x'taqsam xejn ma' kwalunkwe haga li sehhet minn dak il-mument  'l quddiem. Ghalhekk, fi ftit kliem, peress li l-incident sehh meta Jimmy Ciantar gie mitlub icaqlaq it-*trailer* wara li dana kien diga` gie mnizzel mill-bastiment u pparkeggjat fill-moll, is-socjeta` Gollcher Company Limited tinsisti li hija ma tista' tigi fl-ebda mod mizmuma responsabbli tad-danni nkorsi minn Express Trailers Limited.

Illi s-socjeta` attrici Express Trailers Limited, kif sussegwentement surrogata, minn-naha taghha, tghid li *stante* li Jimmy Ciantar kien gie nkarigat isuq it-*trailer* mis-socjeta` White Brothers Limited, li minn naha taghha kienet giet inkarigata minn Gollcher Company Limited, hija xorta wahda responsabbli ghall-akkadut. (L-istess Jimmy Ciantar fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu qal li huwa ma setax ikun mizmum responsabbli ta' l-akkadut *stante* li fil-mument li kien qieghed jimmanuvra t-*trailer* kien qieghed

jagixxi fuq inkarigu u ghan-nom ta' Gollcher Company Limited).

Illi s-socjeta` konvenuta Gollcher Company Limited qeghda tibbaza d-difiza taghha fuq l-istandard *Terms and Conditions* inkorporata fil-polza ta' kariku koncernanti t-tragitt in kwistjoni, ezebit f'fol. 5 u 153 tal-process gudizzjarju.

Illi l-artikoli relevanti min dawn it-*Terms and Conditions*, u li fuqhom qeghda tibbaza ruhha s-socjeta` konvenuta Gollcher Company Limited, huma s-segwenti:-

*"3. Period Of Responsibility*

*The Carrier or his agent shall not be responsible for loss or damage to the goods for the period before acceptance and after delivery, ………………… The Carrier shall under no circumstances be liable for any loss or detention to or damage to goods howsoever caused, arising at the time when the goods are <u>no more in the Custody of the Carrier or his servants………...</u>*

*4.b. Port To Port Shipment*
*"Where the carriage called by this bill of lading is a port to port shipment then the liability (if any) of the Carrier for loss of or damage to the goods occurring from and during loading on to any seagoing vessel up to and during discharge from that vessel ……….. shall be determined in accordance with any national law making the Hague Rules or the Hague Visby Rules referred to above compulsorily applicable to the bill of lading, or if there is not such national law in accordance with the Hague Rules or the Hague Visby Rules referred to above. All terms of this Bill of Lading shall apply to such carriage save that if any term in this Bill of Lading is inconsistent with or repugnant to the Hague Rules or the Hague Visby Rulesas the case may be it shall be to the extent of such inconsistency or repugnance and no further be null and void. Notwithstanding the above, <u>the Carrier's liability, if any, shall be limited to loss or damage to the goods</u>*

*<u>occurring from and during loading on to any seagoing vessel and during discharge from the vessel</u>.”*

Illi s-socjeta` Gollcher Company Limited tghid li meta sehh l-incident hija kienet wettqet il-process ta’ *discharge* tat-*Trailer* minn fuq il-bastiment ghal fuq il-moll, u konsegwentement kienet diga` espletat ir-responsabilitajiet taghha skond il-kuntratt ta’ garr. Ghalhekk hija tghid li ma tistax tigi meqjusa responsabbli ghal kwalunkwe haga li sehhet <u>wara</u> li t-*trailer* kien gie *discharged* u parkeggjat fuq il-moll. Peress li l-incident sehh meta s-sewwieq gie dirett mill-awtoritajiet portwali icaqlaq it-*trailer* minn fejn kien ipparkeggjat fuq il-moll, Gollcher Company Limited tinsisti li hija ma tista’ fl-ebda mod tigi meqjusa bhala responsabbli ghall-akkadut.

Illi pero’ din il-Qorti ma tistax taqbel ma’ din it-tezi, u dan minhabba s-semplici fatt li *nonostante* dak li qed tissottometti s-socjeta` Gollcher Company Limited, zgur li ma jistax jigi nnegat li fil-mument li sehh l-incident it-*trailer* kien qieghed jigi misjuq minn individwu (Jimmy Ciantar) ingaggjat minn socjeta` kummercjali (White Borthers Limited) li kienet giet ikkuntrattata minn Gollcher Company Limited sabiex thott it-*trailer* minn fuq il-bastiment.

Illi ghaldaqstant, sa dak il-mument is-socjeta` Gollcher Company Limited kienet ghadha tramite l-mandatarji taghha fil-pussess, fil-kontroll u effettivament timmaneggja l-istess *trailer* kif ikkuntratta mis-socjeta` Express Trailers Limited, u dan abbazi wkoll tal-principji fuq enuncjati u wkoll tal-principju li l-effetti ta’ dak li jaghmel l-agent tal-principal ghandhom jinhassu li saru mill-istess principal, iktar u iktar f’dan il-kaz meta l-inkarigu tal-atturi kien mas-socjeta` konvenuta Gollcher Compant Limited u ma hadd izjed. Dan wkoll indipendent minn dak li hemm stipulat fl-istess polza ta’ karigu, ghaliex din ir-relazzjoni baqghet tissussisti anke wara li l-istess *trailer* tnizzel minn fuq il-vapur, u ghall kull effett u bwon fini tal-ligi, l-istess merkanzija baqghet fil-pussess tas-socjeta` konvenuta Gollcher Company Limited tramite l-kuntratturi minnha nkarigati, u dwar dan ma hemm ebda kontestazzjoni.

Illi ghall grazzja ta’ l-argument jigi rilevat wkoll, u dan ghal kollox indipendenti minn dak li appena nghad, li anke jekk wiehed jezamina t-tezi tas-socjeta` Gollcher Company Limited, din lanqas treggi, ghaliex kif *diga`* rajna, l-artikolu 3 tal-polza ta’ karigu jipprovdi illi **“***The Carrier shall under no circumstances be liable for any loss or detention to or damage to goods howsoever caused, arising at the time when the goods* <u>*are no more in the Custody of the Carrier or his servants………...”*</u>

Illi f’dan il-kaz il-hsara lit-*trailer* giet kawzata meta l-istess kien ghadu fil-pussess ta’ Gollcher Company Limited, tant li kien qieghed jigi misjuq minn dipendent ta’ *sub-contractor* taghha. Il-Qorti ghalhekk m’ghandhiex ghazla hlief li tikkonkorri mat-tezi attrici li l-konvenuti huma lkoll konguntivament u solidalment responsabbli ghal hlas tad-danni nkorsi, dan bla pregudizzju ghall kull azzjoni talvolta spettanti lis-socjeta` konvenuta Gollcher Company Limited kontra s-socjeta` konvenuta l-ohra u l-konvenut ghal hlas ta’ danni, li certament m’huwiex il-mertu tal-pendenza odjerna.

<u>**III) LIKWIDAZZJONI TA’ DANNI.**</u>

Is-socjeta` Gollcher Company Limited tissottometti wkoll li fl-eventwalita’ li hija tigi attribiwta bir-responsabilita’ ghall-akkadut, l-ammont ta’ danni li hija tista’ tigi kuntrattwalment obbligata thallas huwa regolat bl-artikolu 20 tal-*Bill of Lading*, li jipprovdi s-segwenti:-

*“20. The Amount of Compensation*
<u>*In the event of damage to or loss to the goods occurring between the time that the goods were received by the Carrier for transportation and the time that the goods were loaded at the time of loading*</u>*, for which the Carrier may be liable he shall only be obliged to pay only according to the actual value of the goods but in no case exceeding the invoiced value of the goods ……….”*

Illi l-parti sottolinejata mill-artikolu 20 jaghmilha cara li din il-limitazzjoni tapplika biss jekk id-danni jigu nkorsi minn meta t-*trailer* gie mghoddi fil-pussess ta' Gollcher Company Limited (ovvjament dejjem bhala agent) sa meta dan gie mghobbi fuq il-bastiment. Peress li dan l-incident sehh sahansitra <u>wara</u> li t-*trailer* gie skarigat mill-bastiment, huwa evidenti li l-klawzola hija inapplikabbli ghall-kaz in ezami.

Illi dwar il-likwidazzjoni ta' danni kkagunati, kif gja inghad m'hemm l-ebda kontestazzjoni dwar l-istess ammonti u dawn huma sopportati minn diversi dokumenti fosthom dawk a fol. 49, 50, 77, u 78 tal-process, apparti tax-xhieda l-ohra prodotti mis-socjeta` attrici, liema dokumenti ma gew bl-ebda mod kontestati mill-ebda wiehed mill-konvenuti u dawn effettivament jammontaw ghas-somma ta' tlett elef, mitejn u hamsa u tmenin lira Maltija (Lm3,285).

<u>**III. KONKLUZJONIJIET.**</u>

Illi ghaldaqstant, in vista tal-permess din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti kollha, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara lit-tlett konvenuti flimkien u solidalment bejniethom responsabbli ghall-incident fuq imsemmi li bhala konsegwenza tieghu gew kawzati hsarat fuq it-*Trailer* ETM 78;

(2) Tikkundanna lit-tlett konvenuti flimkien u solidalment bejniethom sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett elef, mitejn hamsa u tmenin lira (LM3,285) rapprezentanti d-danni minnha sofferti bhala konsegwenza ta' l-istess incident li ghalih huma responsabbli l-istess konvenuti, kif deciz iktar il-fuq.

Bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni attrici sa' l-effettiv pagament u bl-ispejjez kollha kontra l-istess konvenuti, salv kull dritt *sic et quatenus* li s-socjeta` Gollcher Company Limited tipprocedi kontra l-konvenuti l-ohra.

**Moqrija**

**---------------------------------TMIEM---------------------------------**